MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 1605/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**VS**

**JESMOND BALZAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Balzan, bin il-mejjet Joseph u Mary nee’ Grima, imwieled gewwa Tal-Pieta’ nhar id-19 ta’ Gunju, 1967, residenti fil-fond numru 66, Triq San Leonardu, Kirkop, jew fil-fond numru 24, Triq San Leonardu, Kirkop, detentur tal-karta tal-identita’ numru 274167 (M);

1. Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ Settembru, 2006, fi Triq San Leonardu, Kirkop, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Benedict Cassar, minn Hal-Kirkop, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00), imma hi izjed minn hamsin lira (Lm50.00);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u hin ingurja jew hedded lil Benedict Cassar, u l-familja tieghu, jew jekk kien provokat, ingurjahom b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, u hin habbat bibien tad-djar ta' haddiehor ghad-dannu tal-istess Benedict Cassar;

4. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, u hin kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 325, 338 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Jesmond Balzan hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
*Inoltre* din Qorti tordna lill-istess Jesmond Balzan ihallas is-somma ta' erba' mija, hamsa u sebghin lira maltin (Lm475.00) bhala hsarat sofferti minn Benedict Cassar fi zmien sitt (6) xhur, *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------